# IL-BANDIERA TAGĦNA

Rajtek fir-riħ ta' Lvant tperper miftuħa
fil-għoli, waħdek, fuq il-bejt ta' dârna
fil-ħin li x-xemx kienet tisreġ ma' dwarna
donnok trid tgħid: "Minn ħadd ma kont mirbuħa."

Kienet kemm kienet ħarxa kull taqbida
ma kont mirbuħa qatt, ħelwa bandiera:
taħt id-dell tiegħek qatt ma konna lsiera,
Ommna ma kellha qatt ktajjen ma' idha.

L-abjad u l-aħmar li b'sensila sħiħa
flimkien imgħaqqda, f'bewsa l-aktar sħuna,
is-sliem ta' l-omm kull żmien, kull ħin jagħtuna
qalbna jimlew bil-hena, għax sabiħa

il-ġrajja tiegħek kollha, ma' l-egħdewwa
mal-ħbieb u ma' kulħadd bla skiet itennu,
fil-ħin li dejjem iżjed lilna jhennu
u jkattru l-ġieh ma' dawk ta' barra-w-ġewwa.

Mons. Gauci